MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2009

Numru 2/2008

Il-Pulizija
(Spettur Johann Fenech)

vs

Bastjan Aquilina

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-akkuzat ta’ karta ta’ identita’ numru 1084248(m), akkuzat talli:

Fis-16 ta’ Ottubru 2007 f’xi hin bejn it-8.00am u t-8.30am f’Xatt San Gorg, Birzebbugia
(1) ghamel hsara jew harraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’
vettura tal-ghamla Mercedes Benz bin-numru ta’ registrazzjoni IGY 051 ghad-

dannu ta’ Leon Caruana liema ammont ta’ hsara teccedi l-Lm50 izda ma teccedix
Lm500;
(2) fl-istess data, lok u hin kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;
(3) fl-istess data, hin u lok hebb kontra l-istess Leon Caruana sabiex jingurjah, idejjqu jew jaghmillu hsara;
(4) fl-istess data, lok u hin ingurja jew hedded lil Leon Caruana jew jekk kien provokat, ingurjah b’mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;
Il-Qorti mitluba sabiex barra li tapplika l-piena stabbilita ghar-reat, tapplika l-provvedimenti ta’ l-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali ghas-sigurta’ ta’ Leon Caruana.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:
Il-fatti li taw aditu ghal dawn il-proceduri huma li fil-gurnata u hin indikati fl-akkuza l-akkuzat flimkien ma’ persuna ohra kienu qed jitwasslu d-dar mill-kwerelant Leon Caruana li fil-process ta’ xoghlu kien gabarhom mill-freeport ossija l-post tal-impieg tal-akkuzat u l-persuna l-ohra. Issucieda li fi triqtom l-kwerelant waqaf Birzebbugia biswit l-istabiliment tal-ikel “Al Fresco”. Fi kliem ix-xhud okkulari (cjoe’ il-persuna l-ohra li kienet riekba fil-van u l-uniku xhud indipendenti) hu qal hekk: “gara li x-xuffier tal-van ipparkeggja fejn l-Al Fresco u tani x’nifhem li xi hadd kien ghamillu sinjal u kien ippuntalu lejn xi dghajsa. Nispiega …li dak in-nhar kienet maltempata kbira. Ix-xuffier hemmhekk nizel u illarga. Jiena ma hrigtx mill-van. Wara xi hin irritorna lura. Li naf hu li kif is-sewwieq irritorna lura sar xi diskors bejn l-akkuzat u s-sewwieq. Kif qieghed nghid sar dan id-diskors. Ix-xuffier rega illarga. F’dan il-hin hareg l-akkuzat mill-van. Rajthom jitkellmu

bejnithom u sa dan it-tant jiena ma nnutajtx li kien hemm xi glied. Hemmhekk rajt lill-akkuzat jersaq lejn in-naha tal-van fil-parti tax-xuffier, li kif spiegajt ma kienx fil-van. Kif ix-xuffier ra hekk gie fid-direzzjoni tal-van u gew fl-idejn. Il-glieda damet ftit sekondi u kemm l-akkuzat u kemm ix-xuffier wara ilmentaw li sofrew xi griehi. Mitsoqsi jekk rajtx xi hsara fil-van nghid li le”.

Issa l-akkuzat qieghed mixli bid-delitt ta’ hsara volontarja fil-vettura misjuqa mill-kwerelant ossija Mercedes, numru ta’ registrazzjoni IGY 051, li allegatament tilhaq is-somma ta’ Lm55, wkoll li kkaguna offiza ta’ natura hafifa, oltre offizi ta’ natura kontravenzjonali talli volontarjament kiser l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, ta’ ingurja, kif ukoll ta’ hebb.

Annalizzati l-provi fid-dawl tal-akkuzi u senjatament fuq dak li xehed il-passiggier l-iehor jinghad li fil-konfront tal-akkuza riferenti ghall-hsara volontarja l-provi ma wassalux, minghajr dubbju dettat mir-raguni, biex l-akkuzat jinsab hati taghha. Fuq daqshekk il-Qorti qed tistrieh fuq ix-xhieda tal-passiggier li in kontro-ezami kategorikament stqarr li ma sema jew hass ebda daqqiet fuq il-van. Dwar il-kumplament jinghad li l-offiza kontravenzjonali li l-akkuzat kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku din ghandha tirrisulta filli fl-iskambju ta’ kliem bejn l-akkuzat u l-kwerelant, li pprecediet il-glieda, zghira kemm kienet zghira, kien hemm l-inkolumita’ tal-istess van minhabba li kien l-akkuzat li hedded jew ittanta jitlaq bil-van. Dwar l-offiza hafifa fuq il-persuna tal-kwerelant din tirrisuta indipendentement minn xi provokazzjoni jew le u l-akkuzat hu tenut jirrispondi ghal offizi li kkaguna. Pero’, l-offiza kontravenzjonali ta’ hebb hi assorbita fih. Dik tal-ingurja ma tirrisultax.

Rat ghalhekk l-Artikolu 221 u 338(dd) tal-Kap 9. Tiddecidi li tikkundanna l-akkuzat mitt euro multa (maghduda l-ammenda) komplessivament. Il-Qorti mhiex tal-fehma li ghandha wkoll tapplika l-Artikolu 338 tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------